**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 353/15 AL

A B
vs
C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa ta' Mejju 1996, fil-Parrocca ta' Marija Regina, l-Marsa u dan skont ic-certfikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal wahda G li illum ghandha 18-il sena, u M li llum ghandu 16-il sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn nutar Dr Rueben Debono LL.D. fid-29 ta' Marzu 2010, li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikoncilazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum

ghadhom hajja totalment separata minn xulxin u ffurmaw rabtiet ma persuni ohra/familji godda fejn sahansitra C D ghandha wild minghand terza persuna;

Illi ma hemm ebda manteniment dovut stante illi fl-imsemmi kuntratt il-partijiet kienu irrinunzjaw illi jircievu manteniment minghand xulxin filwaqt li r-ragel dejjem hallas il-manteniment dovut ghat-tfal;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksieb tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ecceptiet :

1) Illi, fl-ewwel lok, l-esponenti kienet izzewget fil-5 ta' Mejju 1996 u konsegwentement isseparat minn ma zewgha permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat il-21 ta' April, 2008 (insinwat fid-09/05/2008 – Inscrp. 7187/2008) in atti tan-nutar Reuben Debono u mhux fid-29 ta' Marzu, 2010 kif iddikjara A B – izda liema kuntratt gie <u>sussegwentement emendat</u> permezz ta' kuntratt iehor datat 29 ta' Marzu, 2010 (insinwat fis-16/04/2010 – Inscrp. 5802/2010) fl-atti ta' l-istess Nutar Reuben Debono – fatt illi A B ma jindikax fir-rikors guramentat tieghu;
2) Illi, fit-tieni lok, qieghed jigi maqbul u kkonfermat illi ma hemmx kwistjonijiet li jikkoncernaw manteniment ta' minuri;
3) Illi, fit-tielet lok, l-esponenti taqbel mal-kontenut tar-Rikors promotur ta' A B u li ma hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni tal-partijiet u da parti taghha tiddikjara illi hija favur illi z-zwieg de quo jigi xolt permezz ta' divorzju;
4) Illi l-esponenti thoss illi ma ghandhiex tbaghti hija l-ispejjez tad-divorzju mitlub minn zewgha A B;

5) Illi, stante li l-partijiet kontendenti ilhom aktar minn erba' (4) snin legalment separati minn xulxin, kif ukoll li huma kienu reciprokament irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin, jigi umilment rilevat illi jezistu l-elementi necessarji a tenur ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili – Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta – sabiex iz-zwieg tal-kontendenti jigi xolt permezz ta' divorzju;

Ghaldaqstant, in linea ma dak suespost, l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li ma ghandha l-ebda eccezjoni xi tressaq f'dan ir-rigward, salv a rigward il-kap ta' l-ispejjez relatati mal-proceduri odjerni li intavola zewgha A B u li huwa intrabat u obbliga ruhu ma l-esponenti, li jissoporta huwa;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru 2015;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonferma bil-gurament ir-rikors tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Marzu 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.